FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 15 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spett Arthur Mercieca)

Vs

Peter Zahra

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 16765m akkuzat talli fl-4 ta' Lulju 2010 ghal habta ta' 21.45hrs fi Triq Hal Far Birzebbuga waqt li kien qed isuq vettura LAD 224:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamneti, ikkaguna il-mewt ta' Nicole Zahra;
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamneti, ikkaguna hsara involontarja fuq vettura HAP 559 ghad-dannu ta' Joseph D'Amato;
3. illi ma hax il-prekawzjonijiet necessarji meta hareg minn triq sekondarja ghal fuq triq maggura;

Rat l-Artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni jekk il-kawza titkompla u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti ta' din il-kawza, li titratta mewt involontarja ta' bint l-imputat sussegwenti ghal incident stradali, huma, li fil-gurnata u hin tal-incident, l-imputat kien bil-vettura Marutti numru ta' registrazzjoni LAD 224, riekbin mieghu martu u bintu, li kienet riekba fuq wara. Kienu appena zahru xi qraba u kienu sejrin lura d-dar. Kien qed isuq l-imputat u kif skorra Triq Wied il-Qoton hareg fi Triq Hal Far, gewwa Birzebbugia, fid-direzzjoni tal-Gudja. Mumenti wara li hareg fuq it-triq principali grat il-habta mal-vettura HAP 559.

Intant, il-Qorti taghmilha cara li l-kompitu taghha fil-presenti kawza, li hi ta' indole kriminali. Igifieri sabiex tindaga u tiddecidi jekk l-imputat huwiex kriminalment responsabli minhabba

traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tal-mewt involontarja kawza l-incident meritu dina l-kawza. Sekondarjament, jekk jirrispondix ghad-danni sofferti minn terzi f'din il-kollizjoni u jekk is-sewqan tieghu kienx wiehed bla kont, negligenti jew perikoluz. Dana skond l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta' Settembru 2014.

Mill-atti tal-process, jispikkaw l'hawn taht cirkostanzi ta' fatt, fuq liema l-Qort sejra taghmel il-gudizzju taghha:

1. li l-pjanta a folio 49 turi l-punt fejn gara l-incident li huwa 'l hemm minn Triq tan-Nadur minn fejn hareg l-imputat;
2. li l-incident gara fl-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija, allura, kien gja dalam;
3. li t-triq kienet xotta u t-temp u l-visibilita' kienu tajbin;
4. li l-velocita' tal-vettura misjuqa mit-terz gie kalkolat li kien 150kfs;
5. li d-danni li sofrew il-vetturi jinsabu elenkati bi precisjoni a folio 43 u jindikaw li l-vettura misjuqa mit-terz habtet (anzi fil-fehma tal-Qorti baqghet diehla) fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat. Din sofriet danni it-tul kollu ta' wara bil-bumper taghha jispicca taht il-vettura l-ohra.

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti analizzati l-fuq imsemmija fatti mal-bqija tal-atti waslet ghall-konvinciment taghha li l-imputat mhux kriminalment hati a tenur tal-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Fil-fehma taghha l-kawza prossima tal-incident va ricerkata fil-velocita' sfrenata tal-vettura l-ohra li kienet tali li irrendiet impossibbli kull azzjoni li biha setghet tigi evitata l-habta mal-vettura misjuqa mill-imputat. Konsegwetement, u stante dak li ghadu kif intqal, ma sibux hati tal-mewt involontarja u lanqas tad-danni sofferti fil-vettura tat-terz u ma tirrijavisax fis-sewqan tieghu l-estremi tas-sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz.

Ghaldaqstant, taqta u tiddecidi li ma ssib htija fl-imputat u tilliberah minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat.